Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,647, 18 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 266 tal-2021

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti fil-Katina tal-Provvista Alimentari

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti dwar il-Katina tal-Provvista Alimentari.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari, kif tista' tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw skont is-subregolamenti (4) u (5), u r-responsabbiltajiet, il-funzjonijiet, l-obbligi u d-drittijiet provduti skont dawn ir-regolamenti għandhom ikunu applikabbli biss kif meħtieġ:

Iżda l-Bord għandu jikkunsidra l-ilmenti kollha li jirċievi għall-investigazzjoni u f'każijiet bħal dawn il-Bord jista' joħroġ biss rakkomandazzjonijiet:

Iżda wkoll li dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal ftehimiet bejn il-fornituri u l-konsumaturi.

(4) Dawn ir-regolamenti japplikaw għal ċerti prattiki kummerċjali inġusti li jseħħu fir-rigward tal-bejgħ ta' prodotti agrikoli u alimentari kull meta l-fornitur u, jew ix-xerrej ikun ibbażat f'Malta, u meta tali bejgħ isir minn:

(a) fornituri li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx żewġ miljun euro (€2,000,000) lil xerrejja li għandhom fatturat annwali ta' aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000);

(b) fornituri li għandhom fatturat annwali ta' aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000) u li ma jaqbiżx għaxar miljun euro (€10,000,000) lil xerrejja li għandhom fatturat annwali ta'

aktar minn għaxar miljun euro (€10,000,000);

(ċ) fornituri li għandhom fatturat annwali ta' aktar minn għaxar miljun euro (€10,000,000) u li ma jaqbiżx il-ħamsin miljun euro (€50,000,000) lil xerrejja li għandhom fatturat annwali ta' aktar minn ħamsin miljun euro (€50,000,000);

(d) fornituri li għandhom fatturat annwali ta' aktar minn ħamsin miljun euro (€50,000,000) u li ma jaqbiżx mija u ħamsin miljun euro (€150,000,000) lil xerrejja li għandhom fatturat annwali ta' aktar minn mija u ħamsin miljun euro (€ 150,000,000); u

(e) fornituri li għandhom fatturat annwali ta' aktar minn mija u ħamsin miljun euro (€150,000,000) u li ma jaqbiżx tliet mija u ħamsin miljun euro (€350,000,000) lil xerrejja li għandhom fatturat annwali ta' aktar minn tliet mija u ħamsin miljun euro (€350,000,000):

Iżda l-fatturat annwali tal-fornituri u tax-xerrejja msemmi fil-paragrafi (a) sa (e) għandu jinftiehem skont il-partijiet rilevanti tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4 u 6 tagħha, inklużi d-definizzjonijiet "impriża awtonoma", "intrapriża msieħba" u "intrapriża marbuta", u kwistjonijiet oħra relatati mal-fatturat annwali:

Iżda wkoll dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll fir-rigward ta' bejgħ ta' prodotti agrikoli u alimentari minn fornituri li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx tliet mija u ħamsin miljun euro (€350,000,000) lix-xerrejja kollha li huma awtoritajiet pubbliċi.

(5) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal servizzi pprovduti mix-xerrej lill-fornitur, sa fejn hemm referenza espliċita għalihom fir-regolament 8.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 117.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi;

"awtorità pubblika" tfisser awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, korpi rregolati mil-liġi pubblika jew assoċjazzjonijiet iffurmati minn waħda jew aktar minn dawn l-awtoritajiet jew korp wieħed jew aktar minn dawn irregolati mil-liġi pubblika;

"awtoritajiet settorjali" tfisser id-dipartimenti, jew korpi pubbliċi oħra, responsabbli għas-sajd, l-akkwakultura u l-agrikoltura;

"Bord" tfisser il-bord stabbilit skont ir-regolament 3;

"Direttiva" tfisser id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn negozju u ieħor fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari, kif tista' tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien;

"fornitur" tfisser kwalunkwe produttur agrikolu, sajjied jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, irrispettivament mill-post tal-stabbiliment tagħhom, li tbigħ prodotti agrikoli u alimentari u t-terminu "fornitur" jista' jinkludi grupp ta' tali produtturi agrikoli, sajjieda jew grupp ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn, bħal organizzazzjonijiet ta' produtturi, organizzazzjonijiet ta' fornituri u assoċjazzjonijiet ta' tali organizzazzjonijiet.

"prodotti agrikoli u alimentari" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll prodotti mhux elenkati f'dak l-Anness, iżda proċessati għall-użu bħala ikel bl-użu tal-prodotti elenkati f'dak l-Anness;

"prodotti agrikoli u alimentari li jitħassru" tfisser prodotti agrikoli u alimentari li min-natura tagħhom jew fl-istadju ta' pproċessar tagħhom jistgħu ma jibqgħux tajbin għall-bejgħ fi żmien tletin (30) jum wara l-ħsad, il-produzzjoni jew l-ipproċessar;

"rakkomandazzjonijiet" tfisser suġġerimenti maħruġa mill-Bord lil kull min ikun ikkonċernat f'investigazzjoni, iżda l-imsemmija suġġerimenti m'għandhom jinkludu l-ebda ordni jew obbligu;

"xerrej" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, irrispettivament mill-post tal-stabbiliment ta' dik il-persuna, jew kwalunkwe awtorità pubblika fl-Unjoni Ewropea kif imfissra taħt l-Att tal-Unjoni Ewropea, li tixtri prodotti agrikoli u alimentari u t-tifsira "xerrej" tista' tinkludi grupp ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn; Kap. 460.

(2) Ħlief kif ikun provdut xort' oħra f'dan ir-regolament, it-tifsir tal-Att u tad-Direttiva għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti:

Iżda meta tiġi provduta tifsira fid-Direttiva, tali tifsira għandha tipprevali u tapplika kif xieraq għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Bord għall-Prattiki Kummerċjali Inġusti (Agrikoltura u Sajd).

3. (1) Għandu jkun hemm Bord għall-Prattiki Kummerċjali Inġusti (Agrikoltura u Sajd), li jaġixxi bħala l-awtorità tal-infurzar għall-finijiet tad-Direttiva, skont dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Bord għandu jikkonsisti minn seba' (7) membri, maħtura mill-Ministru responsabbli għall-kummerċ wara rakkomandazzjoni mill-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u s-sajd, li huma:

(a) avukat li jkollu mill-inqas ħames (5) snin esperjenza professjonali li għandu jippresjedi l-proċedimenti tal-Bord u li jkollu vot deċiżiv flimkien mal-vot oriġinali tiegħu f'każijiet ta' voti ndaqs;

(b) rappreżentant tad-dipartiment responsabbli għall-agrikoltura;

(ċ) rappreżentant tad-dipartiment responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura;

(d) rappreżentant tad-dipartiment responsabbli għall-kummerċ;

(e) membru, kemm jekk uffiċjal pubbliku kif ukoll jekk le, li jkollu għarfien espert adegwat fi kwistjonijiet relatati mas-swieq ikkonċernati, l-operaturi tiegħu, is-sitwazzjoni tal-forniturи u l-prattiki tan-negozju involuti li jaffettwaw b'mod partikolari lill-forniturи bbażati f'Malta; u

(f) żewġ (2) membri oħra rakkomandati mill-Ministru responsabbli għas-sajd u l-agrikoltura:

Iżda l-Bord għandu jkun assistit minn reġistratur li għandu jassisti lill-Bord bħala s-segretarju tiegħu u għandu jkun responsabbli għad-dokumentazzjoni tiegħu u għall-komunikazzjonijiet kollha meħtieġa skont dawn ir-regolamenti, kif jista' jingħata struzzjonijiet mill-bord:

Iżda wkoll ir-reġistratur ma għandux ikun membru tal-Bord u ma għandux ikollu d-dritt li jivvota fil-proċedimenti tiegħu:

Iżda wkoll il-Bord għandu jiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi u sakemm mill-inqas erba'(4) membri jkunu preżenti jew jesprimu b'xi mod ieħor il-vot tagħhom bil-miktub, u dawn l-erba' (4) membri għandhom dejjem jinkludu r-rappreżentant tad-dipartiment responsabbli għall-agrikoltura jew ir-rappreżentant responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura skont is-settur speċifiku rilevanti għall-każ li jkun qiegħed jiġi diskuss:

Iżda wkoll il-membri tal-Bord ma jkollhomx dritt tal-vot f'każijiet li fihom għandhom xi kunflitt ta' interess jew kienu involuti f'xi investigazzjoni jew ilment fi kwalunkwe kapaċità lil hinn minn dik ta' membru tal-Bord.

(3) Ir-rappreżentanti kollha msemmija fis-subregolament (2) għandhom jiġu nnominati mill-korp rispettiv, u l-membri kollha tal-bord għandhom iservu għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tal-ħatra:

Iżda l-membri kollha jistgħu jirriżenjaw il-pożizzjoni tagħhom b'avviż bil-miktub ippreżentat lill-Ministru.

(4) Il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u s-sajd jista' jiddetermina kwalunkwe remunerazzjoni dovuta lill-membri tal-Bord u lir-reġistratur, sakemm l-istess ma jkunux uffiċjali pubbliċi li jistgħu jservu fuq il-Bord minħabba l-kariga tagħhom.

(5) Il-Bord għandu jkollu s-setgħat, il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet kollha li għandhom jingħataw lil awtorità tal-infurzar jew imwettqa minnha skont id-Direttiva, b'mod partikolari dawk taħt l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva:

Iżda kull sanzjonar għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Il-Bord jista' jitlob u għandu jirċievi l-assistenza tal-awtoritajiet settorjali fit-twettiq ta' investigazzjoni, u biex jagħmel dan jista' jagħti dawk l-istruzzjonijiet li jistgħu jkunu raġonevoli għall-finijiet ta' investigazzjoni:

Iżda għal tali assistenza, il-Bord għandu jikkoordina mal-kap tad-dipartiment rilevanti jew ma' kwalunkwe delegat maħtur minn dan tal-aħħar biex jikkollabora mal-Bord għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll l-assistenza skont dawn ir-regolamenti għandha tinkludi wkoll l-eżerċizzju ta' kwalunkwe setgħa mogħtija lid-dipartiment rilevanti, jew lill-uffiċjali tiegħu, mil-liġi.

(7) Il-Bord jista' jitlob u għandu jingħata kwalunkwe informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet settorjali u minn kwalunkwe persuna li b'xi mod involuta, konċernata jew li tirregola s-setturi affettwati mid-Direttiva jew li jkollha interess fihom:

Iżda l-informazzjoni kollha hekk mitluba għandha titqies kunfidenzjali għall-intenzjonijiet u l-iskopijiet kollha fil-liġi u ma tistax tiġi żvelata mill-Bord sakemm ma jkunx meħtieġ minn dawn ir-regolamenti, mid-Direttiva jew minn xi liġi oħra, jew sakemm tali

żvelar ma jiġix ordnat minn xi awtorità kompetenti.

(8) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jaġixxi b'mod indipendenti u ma jkunx soġġett għall-kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra f'dak l-eżerċizzju u fil-konklużjonijiet tiegħu dwar kwalunkwe ilment u, jew investigazzjoni.

Funzjonijiet tal-Bord.

4. (1) Il-Bord għandu jaġixxi bħala l-awtorità tal-infurzar skont id-Direttiva u dawn ir-regolamenti, bil-ħsieb li jmexxi 'l quddiem l-għanijiet tad-Direttiva skont is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel għandu:

(a) jiddiskuti, jissuġġerixxi u jippubblika l-aħjar prattiki li għandhom jiġu adottati mill-awtoritajiet settorjali u l-operaturi sabiex tiġi evitata l-possibbiltà jew titwaqqaf il-kontinwazzjoni ta' prattiki li jmorru kontra d-Direttiva jew li jxekklu l-għanijiet tagħha;

(b) jissuġġerixxi r-rekwiżiti minimi għall-formoli tal-ilmenti li għandhom jaslu għandu mill-operaturi tas-suq;

(ċ) jagħti pariri lill-awtoritajiet settorjali bl-għan li jinkisbu l-għanijiet tad-Direttiva u ta' dawn ir-regolamenti;

(d) ġeneralment jgħin, jikkoordina u jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet settorjali għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, fir-rigward ta' kull ilment, investigazzjoni jew mistoqsija mressqa skont dawn ir-regolamenti;

(e) jindika lill-awtoritajiet settorali kull evidenza li jista' jitqies xieraq li wieħed jiġbor għall-għanijiet ta' kull investigazzjoni skont dawn ir-regolamenti;

(f) jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-mod li bih awtorità settorjali tista' teżerċita l-funzjonijiet tagħha sabiex tfixkel l-iżvilupp jew il-kontinwazzjoni ta' prattiki projbiti;

(g) jagħti bidu u jwettaq investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq il-bażi ta' ilment li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva;

(h) jinvestiga kull ilment dwar kwalunkwe allegata prattika kummerċjali inġusta kif magħmula minn fornitur u jiddetermina jekk l-ilment jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva;

(i) jipprovdi d-deċiżjoni dwar kwalunkwe investigazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva lil dawk ikkonċernati, u dan kemm jekk tali deċiżjoni tirriżulta minn ilment jew jekk inbdiet skont id-diskrezzjoni tal-Bord;

(j) jagħti dawk l-ordnijiet kollha kif jista' jingħata minn awtorità tal-infurzar skont id-Direttiva, b'mod partikolari l-ordni sabiex titwaqqaf kull prattika pprojbita; u

(k) jaġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt għall-finijiet tad-Direttiva.

(2) Il-Bord, u awtorità settorjali li taġixxi fuq l-istruzzjonijiet tiegħu, jistgħu

(a) jeħtieġu l-għoti ta' kull informazzjoni u, jew dokument minn persuna li jidhrilhom li hija rilevanti għal kull investigazzjoni; u

(b) jwettqu spezzjonijiet fil-bini ta' kull operatur.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità skont dawn ir-regolamenti, id-Direttiva u l-liġi, il-Bord għandu jippubblika d-deċiżjonijiet tiegħu u jista' jagħmel dan b'mod regolari, kemm individwalment kif ukoll bħala parti minn ġabra ta' deċiżjonijiet.

(4) Meta jaġixxi bħala l-punt uniku ta' kuntatt u bħala awtorità tal-infurzar, il-Bord għandu jagħmel dak kollu li huwa meħtieġ mid-Direttiva biex jissodisfa l-funzjoni msemmija, inklużi s-sottomissjoni ta' rapporti kif imsemmi fid-Direttiva, kif ukoll jipparteċipa fid-diskussjonijiet kollha mal-Kummissjoni Ewropea, kif provdut mid-Direttiva.

(5) Għall-finijiet tas-subregolament (4) il-Bord jista' jeħtieġ li jingħata kwalunkwe informazzjoni jew dokument magħruf jew miżmum mill-awtoritajiet settorjali, jekk iqis li jkun meħtieġ jew spedjenti sabiex jissodisfa dawk l-għanijiet.

Proċeduri tal-Bord.

5. Ħlief kif ikun provdut xort' oħra f'dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jirregola l-proċeduri tiegħu u għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull sena kalendarja.

Ilmenti mill-fornituri.

6. (1) Il-fornituri jistgħu jressqu lmenti dwar prattiki kummerċjali allegatament inġusti lill-awtorità settorjali rilevanti jew lill-Bord:

Iżda awtorità settorjali għandha, malli tirċievi l-ilment,

tirreferih lill-Bord:

Iżda wkoll ilment għandu jitqies biss jekk il-fornitur u, jew ix-xerrej ikunu bbażati jew joperaw f'Malta jew l-allegati prattiki kummerċjali inġusti jitwettqu, kompletament jew parzjalment, f'Malta.

(2) L-ilmenti għandhom jiġu sottomessi bil-miktub, u l-ilmentatur għandu jiffirma l-ilment:

Iżda xejn f'dan ir-regolament ma għandu jiġi interpretat bħala li qiegħed ifixkel lil kwalunkwe persuna milli tipprovdi informazzjoni anonima lill-Bord jew lil xi awtorità settorjali, u bl-istess mod xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jitqies li qiegħed ifixkel lill-Bord milli jinvestiga kwalunkwe informazzjoni bħal din għad-diskrezzjoni tiegħu stess u skont dawn ir-regolamenti.

(3) Il-Bord għandu jinforma lill-ilmentatur li qiegħed jikkunsidra l-ilment tiegħu sa mhux aktar tard minn għoxrin (20) jum tax-xogħol minn meta jirċievi l-ilment, u għandu jagġorna lill-ilmentatur dwar l-istat tal-investigazzjoni f'intervalli raġonevoli u jinfurmah dwar l-eżitu tagħha meta jikkonkludiha.

(4) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 5, il-Bord jista' jippermetti, jew jeħtieġ, lill-ilmentatur jemenda l-ilment tiegħu sabiex jiċċara l-ilment innifsu, il-fatti rilevanti għalih jew il-prattiki li dwarhom ikun sar l-ilment.

(5) Is-sottomissjoni ta' ilmenti skont dawn ir-regolamenti għandha tkun soġġetta għal dritt ta' ħamsin euro (€50) pagabbli lill-Bord.

Is-Segretarju tal-Bord, jew kwalunkwe uffiċjal pubbliku ieħor li jista' jiġi ddelegat mill-Bord minn fost dawk imsemmija fis-subregolament (2) tar-regolament 11, għandu jkun responsabbli għall-ipproċessar u l-ġbir ta' dak id-dritt.

Kunfidenzjalità tal-ilmenti.

7. (1) Fuq it-talba tal-ilmentatur, il-Bord u l-awtorità settorjali rilevanti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni xierqa tal-identità tal-ilmentatur jew ta' xi ħadd ieħor konċernat, u għall-protezzjoni xierqa ta' kull informazzjoni oħra li l-iżvelar tagħha huwa indikat speċifikament mill-ilmentatur bħala ta' ħsara għall-interessi tiegħu jew għal dawk ta' xi ħadd ieħor konċernat.

(2) Kull meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma applikabbli, il-Bord jista' jastjeni milli jieħu kwalunkwe deċiżjoni jekk dan jirriskja li jiżvela l-identità tal-ilmentatur jew jirriskja li jiżvela kwalunkwe informazzjoni oħra li fir-rigward tagħha l-ilmentatur

jikkunsidra li tali żvelar ikun ta' ħsara għall-interessi tiegħu jew għal dawk ta' kwalunkwe persuna oħra kkonċernata:

Iżda l-ilmentatur għandu l-informazzjoni rilevanti skont is-subregolament (1).

Prattiki projbiti.

8. (1) Il-prattiki kummerċjali inġusti li ġejjin huma pprojbiti:

(a) bla ħsara għas-subregolament (2), ix-xerrej iħallas lill-fornitur, fejn il-ftehim ta' forniment jipprovdi għall-kunsinna ta' prodotti:

(i) jekk l-imsemmija kunsinna tkun fuq bażi regolari u tikkonċerna prodotti agrikoli u alimentari li jitħassru, aktar tard minn tletin (30) jum wara t-tmiem tal-perjodu tal-kunsinna miftiehem li fih ikunu saru l-kunsinni jew aktar tard minn tletin (30) jum wara d-data li fiha jiġi stabbilit l-ammont pagabbli għal dak il-perjodu tal-kunsinna, skont liema minn dawk iż-żewġ dati tkun l-aktar tard;

(ii) jekk l-msemmija kunsinna tkun fuq bażi regolari u tikkonċerna prodotti agrikoli u alimentari oħra, aktar tard minn sittin (60) jum wara t-tmiem ta' perjodu miftiehem ta' kunsinna li fih ikunu saru l-kunsinni jew aktar tard minn (60) jum wara d-data li fiha jiġi stabbilit l-ammont pagabbli għal dak il-perjodu tal-kunsinna, skont liema minn dawk iż-żewġ dati tkun l-aktar tard;

(iii) jekk l-imsemmija kunsinna ma tkunx fuq bażi regolari u tikkonċerna prodotti agrikoli u alimentari li jitħassru, aktar tard minn tletin (30) jum wara d-data tal-kunsinna jew aktar tard minn tletin (30) jum wara d-data li fiha jiġi stabbilit l-ammont li jrid jitħallas, skont liema minn dawk iż-żewġ dati tkun l-aktar tard; jew

(iv) jekk l-imsemmija kunsinna ma tkunx fuq bażi regolari u tikkonċerna prodotti agrikoli u alimentari oħra, aktar tard minn sittin (60) jum wara d-data tal-kunsinna jew aktar tard minn sittin (60) jum wara d-data li fiha jiġi stabbilit l-ammont li jrid jitħallas, skont liema minn dawk iż-żewġ dati tkun l-aktar tard:

Iżda għall-finijiet tal-perjodi ta' ħlas fis-subparagrafi (i) u (ii), il-perjodi miftiehma ta' kunsinna għandhom fi kwalunkwe każ jitqiesu li ma jaqbżux xahar (1):

Iżda wkoll għall-finijiet tas-subparagrafi (iii) u (iv), fejn ix-xerrej jistabbilixxi l-ammont pagabbli, il-perjodi ta' ħlas imsemmija fis-subparagrafu (iii) għandhom jibdew jiddekorru mit-tmiem ta' perjodu miftiehem tal-kunsinna li fih ikunu saru l-kunsinni, filwaqt li l-perjodi ta' ħlas imsemmija fis-subparagrafu (iv) għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-kunsinna;

Iżda wkoll il-paragrafu (a) għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-konsegwenzi ta' ħlasijiet tard u rimedji kif stabbiliti fil-Kodiċi tal-Kummerċ, li għandu japplika, b'deroga mill-perjodi ta' ħlas stipulati fil-Kodiċi tal-Kummerċ, fuq il-bażi tal-perjodi ta' ħlas stipulati f'dawn ir-regolamenti:

Kap. 13.

Iżda wkoll il-paragrafu (a) għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-għażla ta' xerrej u fornitur li jaqblu dwar klawżola ta' kondiviżjoni tal-valur skont it-tifsira tal-Artikolu 172a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(b) Ix-xerrej jikkanċella ordnijiet ta' prodotti agrikoli u alimentari li jitħassru fi żmien daqshekk qasir li fornitur ma jistax b'mod raġonevoli jkun mistenni li jsib mezz alternattiv ta' kummerċjalizzazzjoni jew użu ta' dawk il-prodotti:

Iżda wkoll avviż ta' inqas minn tletin (30) jum għandu dejjem jitqies bħala avviż qasir;

(ċ) ix-xerrej ibiddel unilateralment it-termini ta' ftehim ta' forniment għal prodotti agrikoli u alimentari li jikkonċernaw il-frekwenza, il-metodu, il-post, il-ħin jew il-volum tal-provvista jew tal-kunsinna tal-prodotti agrikoli u alimentari, l-istandards tal-kwalità, it-termini tal-ħlas jew il-prezzijiet, jew fir-rigward tal-forniment tas-servizzi sa fejn dawn huma espliċitament imsemmija fis-subregolament (2);

(d) ix-xerrej jeħtieġ ħlasijiet mill-fornitur li mhumiex relatati mal-bejgħ tal-prodotti agrikoli u alimentari tal-fornitur;

(e) ix-xerrej jeħtieġ li l-fornitur iħallas għad-deterjorament jew telf, jew it-tnejn, ta' prodotti agrikoli u alimentari li jseħħu fil-bini tax-xerrej jew wara li s-sjieda tkun ġiet trasferita lix-xerrej, fejn tali deterjorazzjoni jew telf ma jkunx ikkawżat min-negliġenza jew tort tal-fornitur;

(f) ix-xerrej jirrifjuta li jikkonferma bil-miktub it-termini ta' ftehim ta' forniment bejn ix-xerrej u l-fornitur li għalih il-

fornitur ikun talab konferma bil-miktub ħlief jekk il-ftehim ta' forniment jikkonċerna prodotti li għandhom jitwasslu minn membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi, inkluża kooperattiva, lill-organizzazzjoni tal-produtturi li tagħha l-fornitur huwa membru, jekk l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni tal-produtturi jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet provduti f'dawk l-istatuti jew derivati minnhom ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għat-termini tal-ftehim ta' forniment;

(g) ix-xerrej jakkwista, juża jew jiżvela b'mod illegali s-sigrieti kummerċjali tal-fornitur skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom;

(h) ix-xerrej jhedded li jwettaq, jew iwettaq, atti ta' ritaljazzjoni kummerċjali kontra l-fornitur jekk il-fornitur jeżerċita d-drittijiet kuntrattwali jew legali tiegħu, inkluż billi jressaq ilment mal-awtoritajiet tal-infurzar jew billi jikkoopera mal-awtoritajiet tal-infurzar matul investigazzjoni;

(i) ix-xerrej jeħtieġ kumpens mingħand il-fornitur għall-ispiża tal-eżami tal-ilmenti tal-klijenti relatati mal-bejgħ tal-prodotti tal-fornitur minkejja n-nuqqas ta' negliġenza jew tort min-naħa tal-fornitur;

(j) prattiki ta' negozjar li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (3).

(2) Il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) ma għandux japplika għal pagamenti:

(a) li jsiru minn xerrej lil fornitur fejn tali pagamenti jsiru fil-qafas tal-iskema għall-iskejjel skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(b) magħmula minn entitajiet pubbliċi li jipprovdu kura tas-saħħa skont l-artikolu 26D tal-Kodiċi tal-Kummerċ; Kap. 13.

(ċ) magħmula taħt ftehimiet ta' forniment bejn fornituri ta' għeneb jew most għall-produzzjoni tal-inbid u x-xerrejja diretti tagħhom:

Iżda sakemm termini speċifiċi ta' pagament għat-tranżazzjonijiet tal-bejgħ ikunu inklużi f'kuntratti standard li jkunu saru vinkolanti skont l-Artikolu 164 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 qabel l-1 ta' Jannar 2019, u li din l-estensjoni tal-

kuntratti standard tiġġedded minn dik id-data mingħajr ebda tibdil sinifikanti fit-termini tal-ħlas għall-iżvantaġġ tal-forniturituri tal-għeneb jew tal-most tal-għeneb, u li l-ftehimiet ta' forniment bejn il-forniturituri tal-għeneb jew tal-most tal-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid u x-xerrejja diretti tagħhom ikunu multiannwali jew isiru multiannwali.

(3) Il-prattiki li ġejjin għandhom jiġu pprojbiti sakemm ma jkunux ġew miftiehma minn qabel f'termini ċari u mhux ambigwi fil-ftehim ta' forniment jew fi ftehim sussegwenti bejn il-fornitur u x-xerrej:

(a) ix-xerrej jirritorna prodotti agrikoli u alimentari li ma nbigħux lill-fornitur mingħajr ma jħallas għal dawk il-prodotti mhux mibjugħa jew mingħajr ma jħallas għad-disponiment ta' dawk il-prodotti, jew it-tnejn;

(b) il-fornitur jintalab ħlas bħala kundizzjoni għall-ħażna, il-wiri jew l-elenkar tal-prodotti agrikoli u alimentari tiegħu, jew biex jagħmel dawn il-prodotti disponibbli fis-suq;

(ċ) ix-xerrej jeħtieġ li l-fornitur jerfa' parti mill-ispiża ta' kwalunkwe skont fuq prodotti agrikoli u alimentari li jinbigħu mix-xerrej bħala parti minn promozzjoni:

Iżda din il-prattika kummerċjali għandha tkun ipprojbita, minkejja ftehim kif imsemmi qabel, sakemm ix-xerrej, qabel promozzjoni li tinbeda mix-xerrej, ma jispeċifikax il-perjodu tal-promozzjoni u l-kwantità mistennija tal-prodotti agrikoli u tal-ikel li għandhom jiġu ordnati bil-prezz skontat;

(d) ix-xerrej jeħtieġ li l-fornitur iħallas għar-reklamar mix-xerrej ta' prodotti agrikoli u alimentari.

(e) ix-xerrej jeħtieġ li l-fornitur iħallas għat-tqegħid fis-suq mix-xerrej tal-prodotti agrikoli u tal-ikel.

(f) ix-xerrej iħallas lill-fornitur għall-persunal għall-bini għall-armar li jintuża għall-bejgħ tal-prodotti tal-fornitur.

(4) Meta jiġi ddeterminat li tkun fis-seħħ prattika pprojbita bejn fornitur u xerrej skont dan ir-regolament, il-Bord għandu jordna t-twaqqif immedjat tagħha.

Provvediment ta' stimi.

9. Fejn ikun meħtieġ ħlas mix-xerrej għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (b), (ċ), (d), (e) jew (f) tas-subregolament (3) tar-regolament 8, jekk mitlub mill-fornitur, ix-xerrej għandu jipprovdi lill-fornitur bi stima bil-miktub tal-ħlasijiet għal kull unità jew tal-

ħlasijiet globali, skont liema jkun xieraq, u, sa fejn huma kkonċernati s-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (b), (d), (e) jew (f) tas-subregolament (3) tar-regolament 8 għandhom jipprovdu wkoll, bil-miktub, stima ta' l-ispejjeż lil-fornitur bbażata fuq dik l-istima.

Dispożizzjonijiet obbligatorji.

10. Minkejja kwalunkwe liġi oħra, kwalunkwe projbizzjoni skont ir-regolament 8 għandhom jikkostitwixxu dispożizzjonijiet mandatorji prevalenti li huma applikabbli għal kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' taħt l-applikazzjoni ta' dawk il-projbizzjonijiet, irrispettivament mil-liġi li kieku tkun applikabbli għall-ftehim ta' forniment bejn il-partijiet.

Proċedimenti u danni.

11. (1) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (7), jekk il-Bord jiddetermina li prattika kummerċjali inġusta li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva hija fis-seħħ għad-detriment ta' fornitur, huwa jista' jħejji rapport dwar il-fatti rilevanti għall-ilment u, jew investigazzjoni, u s-sejbiet tiegħu, u dan ir-rapport għandu jinkludi deskrizzjoni tal-prattiki kummerċjali inġusti rilevanti u kwantifikazzjoni, permezz ta' stima, tad-danni mġarrba u li għad iridu jiġu mġarrba mill-fornituri sal-waqfien tal-prattika kummerċjali inġusta.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1) il-Bord jista' jistieden lill-partijiet konċernati għal proċedura ta' medjazzjoni quddiem il-Bord sabiex jaslu għal rapport miftiehem u kwantifikazzjoni tad-danni.

(3) Jekk il-partijiet konċernati jaqblu mal-konklużjonijiet tar-rapport imsemmi f'dan ir-regolament u mad-danni stmati fih, huma jkunu jistgħu jaslu għal ftehim bil-miktub approvat, bix-xhieda u bil-firma ta' rappreżentant debitament awtorizzat tal-Bord, u li permezz tiegħu dawk id-danni jiġu likwidati b'sodisfazzjon għall-pretensjonijiet kollha relatati mal-prattiki kummerċjali inġusti bejn il-partijiet konċernati:

Iżda dak il-ftehim għandu jippermetti li jsiru pagamenti parzjali kif jista' jiġi miftiehem u approvat skont dan ir-regolament:

Iżda wkoll dak il-ftehim jista' jipprovdi għal penali għal kull ġurnata f'każijiet ta' inadempjenza:

Iżda wkoll mal-iskadenza ta' xi terminu provdut f'dak il-ftehim jew b'nuqqas ta' xi pagament li jkun hemm miftiehem, il-ftehim għandu jitqies bħala titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

(4) Kwalunkwe proċedura ta' medjazzjoni jew ftehim skont dan ir-regolament għandhom ikunu soġġetti għal waqfien temporanju tal-prattika stabbilita bħala prattika kummerċjali inġusta waqt li tkun

għaddejja l-medjazzjoni u matul il-perjodu rilevanti tal-ftehim milħuq.

(5) Jekk il-partijiet ikkonċernati jaqblu kif provdut fis-subregolament (3), u jekk il-prattika kummerċjali inġusta kkonċernata tkun intemmet b'mod definittiv, l-ebda azzjoni ulterjuri ta' kwalunkwe natura, inkluża l-proċedimenti skont ir-regolament 12 jew kwalunkwe liġi oħra, ma għandha titressaq kontra l-parti li tkun xort' oħra responsabbli.

(6) Fin-nuqqas ta' xi ftehim skont is-subregolamenti preċedenti, il-Bord għandu jipproċedi biex jiffinalizza r-rapport tiegħu u jipprovdih lill-partijiet konċernati u kull ħaġa magħmula skont dawn ir-regolamenti għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li jappartjeni għall-partijiet konċernati.

(7) Il-fornitur u, jew ix-xerrej, jistgħu jikkontestaw il-konstatazzjoni, jew in-nuqqas tagħha, ta' prattika kummerċjali inġusta mill-Bord permezz ta' rikors lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien għoxrin (20) jum mill-imsemmija konstatazzjoni finali skont dawn ir-regolamenti, u għal dawn il-finijiet it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jitqies li għandu ġurisdizzjoni skont il-liġi:

Iżda meta t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jiddetermina li seħħet prattika kummerċjali inġusta, huwa għandu wkoll jillikwida d-danni mġarrba mill-fornitur, bl-interess skont il-liġi.

Reati.

12. (1) Kwalunkwe persuna li tfixkel jew tostakola, b'kull mod, il-Bord jew awtorità settorjali, kif ukoll kull persuna maħtura mill-istess, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom skont dawn ir-regolamenti, jew tonqos milli tikkollabora f'investigazzjoni skont dawn ir-regolamenti, għandha tkun ħatja ta' reat u teħel multa li ma taqbiżx elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

(2) Kull persuna li, meta ordnata mill-Bord biex twaqqaf prattika kummerċjali inġusta tippersisti f'din il-prattika, u fin-nuqqas ta' ftehim skont ir-regolament 11, għandha tkun ħatja ta' reat u tkun soġġetta għal multa li ma taqbiżx elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew multa kkalkulata fuq il-profitt magħmul mill-ħati dwar in-negozju bi ksur ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda meta l-multa tkun hekk ikkalkulata ma tistax taqbeż ħames darbiet il-profitt magħmul mill-ħati.

(3) Kwalunkwe proċediment kriminali skont dan ir-regolament għandu jinbeda biss fuq kwerela mill-Bord.

Rappreżentanza ġuridika u persunal.

13. (1) Ir-rappreżentanza ġuridika u legali tal-Bord għandha tiġi vestita fil-president tiegħu, jew fi kwalunkwe membru ieħor kif debitament awtorizzat mill-Bord.

(2) Il-Bord għandu jkun assistit minn dak il-persunal, li jkunu uffiċjali pubbliċi, kif jista' jiġi assenjat lilu mill-Ministru responsabbli għas-sajd u l-agrikoltura.

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

14. (1) Kull ftehim ta' forniment li jkun fis-seħħ mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti fi żmien sena kalendarja mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Bord jista' jordna lill-operaturi biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti qabel it-tmiem tal-perjodu msemmi fis-subregolament (1) u fin-nuqqas ta' dik l-ordni l-operaturi kollha għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fil-perjodu msemmi.

(3) Kull persuna li tonqos milli tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2) għandha tkun ħatja ta' reat u *mutatis mutandis* għandha tkun soġġetta għall-multi provduti taħt is-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 12.